Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13470/1/18
REV 1

PUBLIC 70
INF 195

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - ĠUNJU 2018 |

Dan id-dokument jelenka l-atti[1] adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2018[2].[3]

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

[1] Għal referenza faċli, "it-titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

[2] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[3] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:
Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'ĠUNJU 2018 | |
|---|---|
| **It-3622 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fil-Lussemburgu fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Terroriżmu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/889 tal-4 ta' Ġunju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu<br>ĠU L 159, 22.6.2018, p. 1-2 | 14494/1/17 REV 1 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Terroriżmu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/890 tal-4 ta' Ġunju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu<br>ĠU L 159, 22.6.2018, p. 15-16 | 14498/1/17 REV 1 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2017 tal-Eurojust | 9671/18 |
| *Konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kooperazzjoni tal-pulizija fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika inkluża l-vjolenza fuq in-nisa | 9717/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġestjoni Ewropea Integrata tal-Fruntieri (EUIBM) | 9000/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - il-ġestjoni minn Franza tal-fruntiera esterna*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 dwar l-applikazzjoni minn Franza tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni | 9656/18 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għat-trattament ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, inkluż il-ġellieda terroristi barranin | 9691/18 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu* Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tat-Turkija għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti tat-Turkija fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9320/18 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu* Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Libaniża għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti Libaniżi fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9330/18 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu* Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Istat ta' Iżrael għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat ta' Iżrael dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti ta' Iżrael fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9331/18 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu* Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tat-Tuneżija għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti tat-Tuneżija fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9332/18 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju tal-Marokk għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti tal-Marokk fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9333/18 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9334/18 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9339/18 |
| *Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu | 9342/18 |

*Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-pajjiżi terzi kkonċernati għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu*

**Dikjarazzjoni minn Ċipru**

Dan qed isir biex nesprimu quddiem COREPER ir-riżervi qawwija tagħna dwar din il-kwistjoni politikament sensittiva ħafna. Peress li din hi l-ewwel darba li l-UE waslet biex tiftaħ negozjati bħal dawn, ibbażati fuq ir-Regolament il-ġdid tal-Europol, jidhrilna li huwa xieraq u utli li titħalla ssir diskussjoni fil-livell politiku/tal-Kunsill ukoll, peress li dawn il-każijiet ser jistabbilixxu preċedent għall-futur.

Mit-tnedija tad-diskussjoni dwar il-proposti tal-Kummissjoni, aħna esprimejna t-tħassib tagħna, mhux għax ma napprezzawx is-sinifikat ta' dawn il-ftehimiet għall-UE u ċ-ċittadini tagħna, iżda minħabba l-fatt innifsu li ma għandna l-ebda salvagwardja li dan il-ftehim (bħal ħafna oħrajn) ser ikun, fil-każ tat-Turkija, implimentat lejn l-istati membri kollha. Kwalunkwe Ftehim għandu jkun ta' benefiċċju reċiproku għall-partijiet kontraenti. It-Turkija għandha rekord negattiv ħafna ta' nuqqas ta' implimentazzjoni ta' Ftehimiet lejn ir-Repubblika ta' Ċipru. Biex insemmu xi wħud, il-Protokoll Addizzjonali għall-Unjoni Doganali bejn il-KE u t-Turkija (2005), il-Ftehim ta' Riammissjoni (2012), il-Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża (2015), eċċ. Fil-każijiet kollha, u wara l-approvazzjoni tagħhom, it-Turkija kienet ħarġet dikjarazzjonijiet unilaterali li ma kinitx beħsiebha timplimenta l-obbligi tagħha fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru. Għalhekk, kif nistgħu nagħtu l-kunsens għall-ftuħ tan-negozjati dwar il-ftehim internazzjonali inkwistjoni, sakemm ma jingħatawx spjegazzjonijiet sodisfaċenti u/jew salvagwardji dwar kif is-sitwazzjoni ser tiġi rettifikata, minħabba l-pożizzjoni inflessibbli tat-Turkija?

Matul id-diskussjonijiet li seħħew mill-aħħar ta' Jannar li għadda, Ċipru żamm ir-riżerva qawwija tiegħu rigward il-ftuħ tan-negozjati mat-Turkija fl-istess pakkett ma' seba' pajjiżi terzi oħra. Aħna appoġġajna s-separazzjoni tad-diskussjoni dwar it-Turkija mill-bqija tal-pakkett. Ovvjament, il-każ tat-Turkija huwa differenti mill-bqija. Bħala pajjiż kandidat, it-Turkija trid tikkonforma mal-obbligi tagħha, li jirriżultaw mill-qafas tan-negozjati għall-adeżjoni tagħha mal-UE u l-Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża. Fin-nuqqas ta' progress f'dan ir-rigward, inqisu li huwa paradossali li niddeċiedu li niftħu n-negozjati għall-iffirmar ta' ftehim dwar l-iskambju ta' data personali mat-Turkija. Ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2018 fuq it-Turkija itenni r-riżervi qawwija tagħna li għandhom x'jaqsmu mar-rigressi serji u kontinwi fil-pajjiż u l-ħtieġa għat-Turkija li tallinja l-leġislazzjoni tagħha dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-leġislazzjoni tagħha kontra t-terroriżmu mal-acquis tal-UE.

It-Turkija tkompli tirrifjuta kwalunkwe kooperazzjoni inġenerali mar-Repubblika ta' Ċipru dwar kwistjonijiet ta' ĠAI, li huwa wkoll obbligu orizzontali inkluż fil-Pjan Direzzjonali dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża. Dan huwa evidenti permezz tad-dikjarazzjonijiet unilaterali tat-Turkija (Ftehim ta' Riammissjoni, Pjan Direzzjonali), kif ukoll mir-rifjut tagħha li tikkoopera ma' Ċipru dwar oqsma relatati mal-ĠAI (Europol, Interpol, kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali). Barra minn hekk, it-Turkija għadha ma ħadet l-ebda pass lejn it-twettiq tal-kriterji rilevanti tal-Pjan Direzzjonali dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża, speċjalment dawk li jikkonċernaw il-kooperazzjoni mal-istati membri tal-UE. Għaldaqstant, aħna nkomplu nemmnu li huwa ta' importanza assoluta li jiġu inklużi s-salvagwardji kollha meħtieġa, inkluż mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa, effettiva u nondiskriminatorja tagħhom.

Aħna rreġistrajna l-vot tagħna kontra dan il-fajl u nitolbu li din id-dikjarazzjoni tiġi mehmuża mal-minuti tal-COREPER u tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**<br>Filwaqt li l-Kummissjoni ssostni l-opinjonijiet tagħha li l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE jipprovdu bażi ġuridika suffiċjenti għad-Deċiżjonijiet, mingħajr il-ħtieġa ta' xi bażi ġuridika sostantiva, tqis ukoll li l-għażla ta' bażi ġuridika sostantiva ma taffettwax ir-regoli tal-votazzjoni tal-Kunsill.<br>Fir-rigward tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tinnota li l-l-inklużjoni tal-frażi "soġġett għal xi direttivi li l-Kunsill jista' sussegwentement joħroġ għall-Kummissjoni " mhijiex skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-425/13 il-Kummissjoni v il-Kunsill (is-sistema tal-Awstralja tal-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra), fil-paragrafu 90, u jenħtieġ li għalhekk titneħħa. | |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Iran fir-rigward tan-nonproliferazzjoni - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/833 tal-4 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 140, 6.6.2018, p. 87-88 | 7619/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Iran fir-rigward tan-nonproliferazzjoni - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/827 tal-4 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 140, 6.6.2018, p. 3-4 | 7621/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll mar-Repubblika ta' Madagascar*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika ta' Madagascar għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll li jimplimenta dak il-Ftehim | 8710/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati għat-tiġdid tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Cape Verde*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika ta' Cape Verde għall-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde | 9007/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Vittmi tat-terroriżmu | 9719/18 |

| **It-3623 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) li saret fil-Lussemburgu fis-7, it-8 u l-11 ta' Ġunju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar il-UNECE (Ġunju 2018)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13-H, 14, 16, 22, 44, 49, 51, 54, 75, 83, 85, 89, 96, 106, 108, 109, 120, 129, 137, 139 u 140, tar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU Nru 15 u 19, u fir-rigward tal-proposti għal żewġ Regolamenti tan-NU ġodda u żewġ listi ġodda fil-Kompendju tar-Regolamenti Tekniċi Globali Kandidati | 9187/18 |
| *Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti UE-NATO*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tielet Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016 u l-5 ta' Diċembru 2017 | 9849/18 |
| *Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) - estensjoni - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/856 tat-8 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.) (EULEX KOSOVO)<br>ĠU L 146, 11.6.2018, p. 5-7 | 8575/18 |

| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-14 ta' Ġunju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/872 tal-14 ta' Ġunju 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>ĠU L 152, 15.6.2018, p. 22-28 | 9907/18 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/870 tal-14 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>ĠU L 152, 15.6.2018, p. 1-4 | 9914/18 |

| **It-3624 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fil-Lussemburgu fit-18 ta' Ġunju 2018** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| *Regolament li jemenda l-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku*<br>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku | 23/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| *Regolament dwar il-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana*<br>Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008<br>ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1-13 | 14/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: DK |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<br><br>**dwar speċijiet ipprojbiti**<br><br>Ir-Regolament li għandu jiġi adottat abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi (2016/0074 (COD)) għandu jinkludi dispożizzjonijiet, fost l-oħrajn, dwar l-ispeċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit. Għal dik ir-raġuni, iż-żewġ istituzzjonijiet qablu li ma jinkludux lista għall-Baħar tat-Tramuntana f'dan ir-Regolament (2016/0238 (COD)). |
| **Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<br><br>**dwar il-kontroll**<br><br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jinkludu d-dispożizzjonijiet ta' kontroll li ġejjin fir-rieżami li jmiss tar-Regolament dwar il-Kontroll (ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009) fejn rilevanti għall-Baħar tat-Tramuntana: notifiki minn qabel, rekwiżiti tal-ġurnal ta' abbord, portijiet magħżula u dispożizzjonijiet oħra ta' kontroll. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br><br>Il-Kummissjoni se titlob il-meded tal-FMSY u punti ta' riferiment bijoloġiċi oħra mingħand il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-Kummissjoni tqis li, bħala regola ġenerali, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jissejsu fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli pprovdut mill-ICES. Fil-każ improbabbli li l-ICES ma jkunx kapaċi jipprovdi l-meded tal-FMSY u punti ta' riferiment bijoloġiċi oħra, jew fejn ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li l-parir maħruġ mill-ICES ma jissodisfax ir-rekwiżit għall-aqwa parir xjentifiku disponibbli, l-opportunitajiet tas-sajd se jissejsu fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli li jkun inħareġ jew ikun ġie rivedut minn korp xjentifiku indipendenti li huwa rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew dak internazzjonali. |
| **Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Latvja u Spanja**<br><br>Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Latvja u Spanja jqisu li l-mekkaniżmu propost għall-aġġornament tal-meded ta' FMSY huwa għodda ġdida li tista' tirrappreżenta titjib reali fil-ġestjoni tal-pjan pluriennali u l-flessibbiltà tiegħu. Madankollu, din l-għodda ġdida qajmet ukoll xi tħassib dwar ir-rispett tal-prerogattiva istituzzjonali ta' kull istituzzjoni. F'dan ir-rigward, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Latvja u Spanja jitolbu evalwazzjoni interim annwali fil-Kunsill kull l-ewwel kwart tas-sena biex ikun ivvalutat jekk din l-għodda tiksibx dawk l-objettivi u jekk għandhomx jitfittxu soluzzjonijiet intermedji. |

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mid-Danimarka<br><br>Id-Danimarka tilqa' l-proposta ta' kompromess finali għal pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana fejn id-Danimarka għandha interess konsiderevoli.<br><br>Għandna pjaċir ninnutaw it-titjib sostanzjali li sar fil-proposta waqt in-negozjati: Dan it-titjib irriżulta fi proposta ta' kompromess finali li tiffoka fuq l-ispeċijiet rilevanti. Instabet soluzzjoni sabiex jittieħed kont tal-aħħar parir xjentifiku dwar il-meded ta' FMSY u l-punti ta' referenza, u l-kompromess jibqa' lura milli jinkludi miżuri ta' kontroll addizzjonali, u jinkludi referenza għall-ġestjoni tal-istokkijiet ta' interess komuni.<br><br>Matul in-negozjati dwar din il-proposta, id-Danimarka enfasizzat il-ħtieġa għal referenza konkreta għat-tħassib dwar aspetti soċjoekonomiċi. Għalkemm konna nippreferu tali referenza fl-artikoli, napprezzaw ir-referenza fil-premessi.<br><br>Madankollu, kwistjoni waħda tal-akbar importanza għad-Danimarka tibqa':<br><br>Huwa kruċjali li tkun permessa l-flessibbiltà neċessarja fir-regolament b'rabta mal-istabbiliment tat-TACs, b'mod partikolari biex ikun possibbli għall-istokkijiet li għalihom id-data hija limitata li jieħdu kont ta' żieda fi stokk u s-sajd ta' dan l-istokk. Dan biex jippermetti l-flessibbiltà kontinwa maqbula mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-pjan attwali fit-tul għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat (UE) 1342/2008, li ġiet applikata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi fil-każ tal-bakkaljaw f'Kattegat. Id-Danimarka pproponiet dispożizzjoni f'konformità mal-pjan attwali fit-tul għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-pjan pluriennali l-ġdid tal-Baħar tat-Tramuntana.<br><br>Peress li l-proposta ta' kompromess ma tinkludix referenza speċifika f'konformità mal-flessibbiltà fil-pjan dwar il-bakkaljaw, id-Danimarka ma tistax tappoġġa l-kompromess finali li għandu jiġi adottat mill-Kunsill.</td></tr>
<tr><td>Regolament dwar l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)<br>Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)<br>ĠU L 179, 16.7.2018, p. 30-75</td><td>17/18</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2018*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2018 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018<br>ĠU L 216, 20.6.2018, p. 1-1 | 9324/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| *Regolament dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni (kodifika)*<br>Regolament (UE) 2018/974 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni<br>ĠU L 179, 16.7.2018, p. 14-29 | 16/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET | |
| *Konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet fuq perijodu medju tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO)*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet fuq perijodu medju tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) | | 10227/18 | |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-emendar tal-metodi jew tad-dokumenti tal-IOC | | 9414/18 | |
| *Konklużjonijiet dwar "Enerġija rinnovabbli għal żvilupp rurali sostenibbli" (QtA RS Nru 5/2018)*<br>Rapport Speċjali Nru 05/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Enerġija rinnovabbli għal żvilupp rurali sostenibbli: sinerġiji sinifikanti huma possibbli iżda fil-biċċa l-kbira mhumiex qed jiġu realizzati" | | 9619/18 | |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Art. 241 TFUE dwar ir-Regolament ta' Aarhus*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/881 tat-18 ta' Ġunju 2018 li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 u, jekk adatt fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006<br>ĠU L 155, 19.6.2018, p. 6-7 | | 9422/18 | |

**Dikjarazzjoni konġunta minn Franza, il-Lussemburgu, l-Italja u Spanja u appoġġata mil-Latvja**

Waqt is-sitt Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus (MoP 6) li saret f'Budva (il-Montenegro) mill-11 sal-14 ta' Settembru 2017, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri sabu ruħhom f'sitwazzjoni ta' impass rigward l-abbozz ta' deċiżjoni VI/8f dwar il-komunikazzjoni ACCC/C/2008/32 li tikkonċerna l-konformità tal-Unjoni Ewropea mal-obbligi tagħha dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Aħna nilqgħu l-inizjattiva tal-Presidenza li ppreżentat abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 241 TFUE, u bil-għan li jingħeleb l-impass osservat f'Budva.

L-abbozz inizjali talab lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 sabiex isir għalkollox konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9, il-paragrafi 3 u 4, tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Madankollu, jiddispjaċina dwar in-nuqqas ta' ambizzjoni ta' dan l-abbozz ta' Deċiżjoni, fil-verżjoni finali tiegħu, b'mod partikolari b'rabta ma' żewġ punti:

– Ir-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma għadux jidher b'mod ċar bħala l-objettiv tad-deċiżjoni iżda bħala għażla possibbli fost oħrajn;
– L-iskadenza sa meta l-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna tippreżenta l-proposta tagħha (30 ta' Settembru 2020) tidher wisq imbiegħda fid-dawl tad-data tal-Laqgħa li jmiss tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, prevista għall-2021.

Il-Konvenzjoni ta' Aarhus hija strument emblematiku għad-demokrazija ambjentali. Aħna nixtiequ li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sostenituri storiċi tal-Konvenzjoni, jkomplu jagħtu xhieda ta' livell għoli ta' ambizzjoni f'dan ir-rigward.

| | |
|---|---|
| *Konklużjonijiet dwar l-appoġġ mill-UE għal investimenti produttivi fin-negozji (QEA RS Nru 8/2018)*<br>Rapport Speċjali Nru 8/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mill-UE għal investimenti produttivi fin-negozji – jeħtieġ li jkun hemm fokus akbar fuq id-durabbiltà" | 10332/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Ukrajna (Krimea u Sevastopol) - estensjoni tal-miżuri - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/880 tad-18 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol<br>ĠU L 155, 19.6.2018, p. 5-5 | 8971/18 |

<table>
<tr><td colspan="3">Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 għall-Ftehim ŻEE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/893 tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 għall-Ftehim ŻEE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 159, 22.6.2018, p. 31-36</td><td>8562/18</td></tr>
<tr><td colspan="3">Ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea - Deċiżjoni<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/882 tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK<br>ĠU L 155, 19.6.2018, p. 8-9</td><td>9496/18</td></tr>
<tr><td colspan="4">It-3625 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) li saret fil-Lussemburgu fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2018</td></tr>
<tr><td colspan="4" align="center">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TAL-VOT</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Reviżjoni tad-Direttiva 96/71 dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema<br>Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16-24</td><td>18/18</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: HU, PL<br>Astensjoni: HR, LV, LT, UK</td></tr>
</table>

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

L-Artikolu 3(7), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 96/71/KE, kif emendata mid-Direttiva adottata llum, li tistabbilixxi li l-allowances speċifiċi għall-istazzjonament għandhom jitqiesu bħala parti mir-remunerazzjoni, sakemm ma jitħallsux bħala rimborż tal-ispejjeż effettivament imġarrba minħabba l-istazzjonament, bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ. Huwa jistipula wkoll li "[m]in iħaddem jenħtieġ li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1(h), jirrimborża lill-ħaddiema għal tali spejjeż f'konformità mal-liġi u/jew il-prattika nazzjonali applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem stazzjonat".

Il-Kummissjoni tifhem li "l-liġi u/jew il-prattika nazzjonali applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem stazzjonat", fil-prinċipju, huma l-liġi nazjonali u/jew il-prattika tal-Istat Membru ta' domiċilju, sakemm mhux determinat mod ieħor skont ir-regoli tal-UE dwar il-liġi internazzjonali privata. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-396/13 (il-paragrafu 59), ir-rimborż ikopri wkoll is-sitwazzjoni fejn min iħaddem iħallas l-ispejjez tal-ħaddiema fejn dawn tal-aħħar ma kellhomx jagħmlu ħlas minn qabel u jitolbu r-rimborż tiegħu.

Il-Kummissjoni tinnota li l-approċċ tad-Direttiva llum jipprevedi li, minħabba n-natura tax-xogħol mobbli ħafna tat-trasport internazzjonali bit-triq, ir-regoli riveduti dwar il-kollokament ser japplikaw għal dak is-settur biss mid-data tal-applikazzjoni ta' att leġiżlattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurzar u jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/KE għall-kollokament tax-xufiera fil-qasam tat-trasport bit-triq.

Il-Kummissjoni tappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jadottaw dak l-att malajr sabiex ir-regoli jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' ħaddiema kollokati fis-settur filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport bit-triq.

Sad-data tal-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv speċifiku għas-settur, id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE jibqgħu fis-seħħ fit-trasport bit-triq. Dawn l-atti leġiżlattivi ma japplikawx għal operazzjonijiet ta' trasport bit-triq li ma jikkostitwixxux kollokament.

Il-Kummissjoni ser tkompli tissorvelja mill-qrib l-infurzar tajjeb tar-regoli attwali b'mod partikolari fis-settur tat-trasport bit-triq u tieħu azzjoni fejn adatt.

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kroazja, il-Latvja u l-Litwanja**<br><br>Il-Kroazja, il-Latvja u l-Litwanja jappoġġaw l-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni tal-ħaddiema kollokati. Madankollu, minkejja xi titjib li issa ġie inkluż fil-*proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi*, aħna nqisu li t-test ma kisibx bilanċ tajjeb bejn il-protezzjoni tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.<br><br>Minbarra t-tħassib espress fid-dikjarazzjoni annessa mal-*minuti tat-3569 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**Impjiegi, Politika Soċjali,** Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur), li saret fil-Lussemburgu fit-23 ta' Ottubru 2017,* dwar il-kunċett tar-remunerazzjoni, l-impatt fuq il-kompetittività kif ukoll il-konsegwenzi avversi potenzjali ta' din il-proposta, aħna nemmnu li t-test ta' kompromess mal-Parlament Ewropew fih diversi dispożizzjonijiet li jeċċedu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u li jikkawżaw l-inċertezza legali u konsegwentement jistgħu jwasslu għal restrizzjoni ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.<br><br>Barra minn hekk, aħna tal-opinjoni li l-perijodu ta' traspożizzjoni ta' sentejn mingħajr perijodu transizzjonali adegwat jonqos milli jirrikonoxxi l-implikazzjonijiet prattiċi ta' adattament għal sett sostanzjalment ġdid ta' regoli, speċjalment għall-SMEs. |
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Portugall**<br><br>Il-Kunsill EPSCO, fl-Approċċ Ġenerali tiegħu li ntlaħaq f'Ottubru 2017, irrikonoxxa li kien meħtieġ żmien suffiċjenti għall-adattament tal-kumpanniji (speċjalment l-SMEs) għar-regoli l-ġodda għall-ħaddiema kollokati (b'mod partikolari għall-kunċett il-ġdid ta' remunerazzjoni) u qabel fuq 4 snin ta' applikabbiltà diferita tad-Direttiva riveduta. Dan ġie aċċettat ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.<br><br>B'rikonoxximent tal-konċessjonijiet li għamlu l-koleġislaturi fil-proċess tan-negozjati, il-kompromess finali li ntlaħaq fit-trilogi rriżulta, sfortunatament, li tqassar b'mod sinifikanti l-perijodu ta' applikabbiltà diferita għal sentejn biss, u b'hekk dan il-perijodu sar identiku għall-perijodu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva.<br><br>F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Portugall jappellaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex iqisu kif xieraq dawn iċ-ċirkostanzi (kif ukoll il-kumplessità tal-kwistjonijiet li din ir-reviżjoni għandha l-għan li tintroduċi) meta jivvalutaw jekk ir-regoli l-ġodda dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema humiex qed jiġu osservati u rrispettati u liema sanzjonijiet huma proporzjonati, l-aktar matul il-perijodu inizjali wara li d-Direttiva riveduta tieħu effett fl-2020. |

**Dikjarazzjoni mill-Ungerija u l-Polonja**

Aħna impenjati lejn il-protezzjoni tal-ħaddiema, il-ġlieda kontra l-frodi u l-abbużi, kif ukoll is-salvagwardja tal-integrità tas-Suq Intern. Aħna nemmnu li d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (minn hawn 'il quddiem: id-Direttiva 96/71/KE) kisbet bilanċ delikat bejn il-protezzjoni tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Jiddispjaċina li l-modifika ta' dik id-Direttiva ġiet proposta qabel ma setgħu jsiru evidenti l-effetti tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar (2014/67/UE[1]) tagħha.

Aħna tal-opinjoni li l-emenda tad-Direttiva 96/71/KE ser tirrestrinġi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'mod sproporzjonat u mhux iġġustifikat. Minflok ma jkun strument għall-protezzjoni tal-ħaddiema x'aktarx ser ikun għodda għal miżuri protezzjonisti. Il-probabbiltà hi li l-istrument ser irendi lill-istituzzjoni tal-istazzjonament infisha bla sens, u jkun ta' detriment kbir għall-kompetittività tal-Unjoni kollha kemm hi.

Ninsabu mħassba wkoll dwar l-inċertezza legali ta' diversi dispożizzjonijiet. B'mod partikolari ser jiġu affettwati negattivament l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) mill-inċertezza legali u l-piż amministrattiv akbar. Il-perijodu ta' transizzjoni ta' sentejn ma jagħtix biżżejjed żmien għall-adattament għar-regoli l-ġodda b'mod partikolari għall-SMEs.

Il-pożizzjoni tagħna hi li l-emendi għad-Direttiva 96/71/KE u l-proposta separata dwar l-istabbiliment ta' regoli speċjali dwar l-istazzjonament fis-settur tat-trasport bit-triq (lex specialis) imisshom ġew ittrattati bħala pakkett. In-negozjati dwar il-lex specialis għadhom għaddejjin; Għalhekk, l-emendi għad-Direttiva 96/71/KE, min-natura tagħhom, ma jistgħux jitqiesu bħala test ibbilanċjat. Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija intitolata li tinterpreta l-liġi tal-UE, madankollu aħna tal-fehma li l-applikazzjoni tar-regoli attwali dwar l-istazzjonament għas-settur tat-trasport bit-triq hija dubjuża. Hija l-fehma tagħna li din l-interpretazzjoni legali lanqas mhi ser tiġi affettwata mill-emenda għad-Direttiva 96/71/KE.

(1) Direttiva 2014/67/UE dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet*<br>Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet<br>ĠU L 173, 9.7.2018, p. 25-34 | 19/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Użbekistan sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1194 tal-21 ta' Ġunju 2018 dwar il-konkluzjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 214, 23.8.2018, p. 1-2 | 9021/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: Approċċ ibbażat fuq iċ-Ċiklu tal-Ħajja | 10134/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - "Moviment Liberu tal-Ħaddiema - il-libertà fundamentali hija żgurata iżda orjentament aħjar tal-fondi tal-UE jkun ta' għajnuna għall-mobbiltà tal-ħaddiema" | 10301/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Il-politiki integrati għall-iżvilupp tat-tfal ta' età żgħira bħala għodda għat-tnaqqis tal-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali | 10306/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nutrizzjoni tajba għat-tfal: Il-futur b'saħħtu tal-Ewropa | 10355/18 |

| **It-3626 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fil-Lussemburgu fit-22 ta' Ġunju 2018** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| *Emenda għad-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rata standard minima tal-VAT*<br>Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/912 tat-22 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima<br>ĠU L 162, 27.6.2018, p. 1-2 | 7166/18 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| *Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2018*<br>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali tal-2018: Estensjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija | 9712/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: IT, PL<br>Astensjoni: CZ, RO |

**Dikjarazzjoni mill-Italja**

L-Italja żżomm ir-riżerva tagħha fuq id-deċiżjoni li tapprova l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2018 ("ABE 3/2018"), peress li din ma tqisx in-nuqqas ta' qbil finali bejn l-Istati Membri fil-COREPER dwar il-modalitajiet ġenerali ta' finanzjament għat-tieni porzjon tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija ("Il-Faċilità"), li jirrikjedi l-unanimità.

Id-deċiżjoni li tapprova l-ABE 3/2018 tipprova toħloq bażi baġitarja de facto għall-iskema ta' tqassim bejn il-baġit tal-UE u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-finanzjament tat-tieni porzjon tal-Faċilità.

L-Italja hija mħassba dwar il-fatt li, b'emenda għall-baġit annwali ta' natura sempliċiment proċedurali, deċiżjoni tista' taqbeż il-qafas ġenerali li fuqu hija bbażata l-Faċilità.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni 108 emendata dwar il-protezzjoni tad-data*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali | 10130/18 |
| *Deroga mill-VAT li tawtorizza lill-Ġermanja u l-Polonja jidderogaw mill-prinċipju tat-territorjalità*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/918 tat-22 ta' Ġunju 2018 li tawtorizza lill-Ġermanja u lill-Polonja biex idaħħlu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 163, 28.6.2018, p. 17–18 | 9037/18 |
| *Ftehim UE-Norveġja - Deċiżjoni dwar il-konklużjoni dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1089 tat-22 ta' Ġunju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 195, 1.8.2018, p. 1-2 | 14381/17 |
| *Ftehim UE-Norveġja - Deċiżjoni dwar il-konklużjoni dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT*<br>Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 195, 1.8.2018, p. 3-22 | 14390/17 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**<br>Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja huma ġirien, sħab kummerċjali dinamiċi kif ukoll partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li għandu l-għan li jippromwovi tisħiħ kontinwu u bilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti. Minħabba dawn ir-relazzjonijiet mill-qrib, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi kkunsidrat bħala wieħed speċifiku u għaldaqstant il-Kunsill jiddikjara li dan il-Ftehim ma jikkostitwixxix preċedent għal ftehimiet futuri f'dan il-qasam bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi. B'mod partikolari, kwalunkwe ftehim futur possibbli dwar skambju ta' informazzjoni mmirata permezz tan-netwerk tal-Eurofisc stabbilit skont il-Kapitolu X tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u possibbli għall-ġlieda kontra l-frodi transfruntier bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz. | |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni tal-Lietuvos bankas*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Lietuvos Bankas | 9602/18 |
| *Wara Cotonou*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jiftħu negozjati dwar, u biex jinnegozjaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, ta' Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra | 8094/18 |
| *Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/923 tat-22 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi li ma ttieħdet ebda azzjoni effettiva mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017<br>ĠU L 164, 29.6.2018, p. 42-43 | 9759/18 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-Ungerija<br>ĠU C 223, 27.6.2018, p. 1-2 | 9760/18 |
| *Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fir-Rumanija<br>ĠU C 223, 27.6.2018, p. 3-4 | 9761/18 |

**It-3627 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ambjent) li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2018**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO2 għal vetturi heavy-duty*<br>Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO2 u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1-15 | 20/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**

Proposta dwar standards tas-$CO_2$ mill-HDVs

Kif imħabbar fit-8 ta' Novembru 2017 fil-Komunikazzjoni "It-Twettiq ta' mobilità b'emissjonijiet baxxi - Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi u tiddefendi l-industrija u l-ħaddiema tagħha" (COM(2017) 675 final), il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta t-tielet pakkett tal-mobilità fl-ewwel nofs ta' Mejju 2018, li jinkludi proposta li tistabbilixxi standards għall-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju għat-trakkijiet.

Kalendarju tal-iżvilupp tar-Regolament dwar il-VECTO/Ċertifikazzjoni

Il-Kummissjoni qed issegwi l-iżvilupp tekniku tal-għodda għall-Kalkolu tal-Konsum tal-Enerġija tal-Vetturi (VECTO) bil-ħsieb li jiġu inklużi teknoloġiji ġodda magħrufa mill-2020 'il quddiem u tipi oħra ta' vetturi, jiġifieri t-trakkijiet, ix-xarabanks u l-coaches li jifdal mill-2020 u t-trejlers mill-2021.

Aktar informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-għodda VECTO kif ukoll l-emendar tar-Regolament (UE) 2017/2400 se tkun ippubblikata fuq is-siti elettroniċi rilevanti tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati u l-operaturi ekonomiċi jkunu infurmati regolarment.

Żvilupp ta' test ta' verifika fit-triq skont ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikazzjoni

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tad-data robusta u rappreżentattiva dwar l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil minn vetturi heavy-duty.

Ir-Regolament (UE) 2017/2400 għalhekk huwa maħsub li jkun ikkumplimentat bi proċedura għall-verifikar u l-iżgurar tal-konformità tal-operazzjoni VECTO kif ukoll tal-karatteristiki marbuta mas-$CO_2$ u mal-konsum tal-fjuwil tal-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati u s-sistemi rilevanti. Dik il-proċedura ta' verifika, li għandha tinkludi l-ittestjar fit-triq ta' vetturi heavy duty fil-produzzjoni, hija ppjanata għall-vot fil-Kumitat Tekniku - Vetturi bil-Mutur qabel tmiem l-2018.

Il-proċedura ta' verifika hija maħsuba wkoll biex isservi bħala bażi għal test futur għall-verifika tal-prestazzjoni fis-servizz ta' vetturi mill-manifatturi u mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, jew minn partijiet terzi indipendenti.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Regolament dwar Sospensjonijiet għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali*<br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2018/914 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>ĠU L 162, 27.6.2018, p. 8-27 | 9641/18 |
| *Regolament dwar il-Kwoti għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali*<br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2018/913 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>ĠU L 162, 27.6.2018, p. 3-7 | 9604/18 |
| *Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd*<br>Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/915 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd<br>ĠU L 163, 28.6.2018, p. 1-5 | 9618/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tiftaħ in-negozjati biex taderixxi mal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku | 9731/18 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva. | |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni sħiħa tas-SIS fil-BG/RO*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija<br>ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37-39 | 15820/17 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera għal appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (ISF 2014-2020)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/929 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020<br>ĠU L 165, 2.7.2018, p. 1-2 | 6222/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-Iżlanda għal appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (ISF 2014-2020)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/948 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020<br>ĠU L 167, 4.7.2018, p. 1-2 | 9228/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari | 10447/18 |

| **It-3629 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni tal-UE ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi | 10319/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħel / Mali | 10026/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju ma' Iżrael biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-UE*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 9546/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen | 10369/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/900 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma<br>ĠU L 160I, 25.6.2018, p. 9–11 | 9551/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/898 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Myanmar/Burma<br>ĠU L 160I, 25.6.2018, p. 1-4 | 9554/18 |
| *Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali - estensjoni tal-mandat - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/904 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali<br>ĠU L 161, 26.6.2018, p. 12-15 | 8837/18 |

| | |
|---|---|
| *Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia - estensjoni tal-mandat - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/907 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia<br>ĠU L 161, 26.6.2018, p. 27-31 | 8849/18 |
| *Rappreżentant Speċjali tal-UE fil-Bożnija-Ħerzegovina - estensjoni tal-mandat - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/908 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina<br>ĠU L 161, 26.6.2018, p. 32-36 | 8873/18 |
| *Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika - estensjoni tal-mandat - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/905 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika<br>ĠU L 161, 26.6.2018, p. 16-21 | 8840/18 |
| *Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Saħel - estensjoni tal-mandat - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/906 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Saħel<br>ĠU L 161, 26.6.2018, p. 22-26 | 8845/18 |
| *Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) - regoli ta' governanza - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/909 tal-25 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO<br>ĠU L 161, 26.6.2018, p. 37-41 | 9660/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra l-Venezwela - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela<br>ĠU L 160I, 25.6.2018, p. 12-15 | 9741/18 |

| | |
|---|---|
| *Miżuri restrittivi kontra l-Venezwela - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela<br>ĠU L 160I, 25.6.2018, p. 5-8 | 9743/18 |
| *Sigurtà u Difiża*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE | 10246/18 |
| *Qarn tal-Afrika/Baħar l-Aħmar*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika/Baħar l-Aħmar | 10027/18 |

**It-3628 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ġunju 2018**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
|---|---|---|---|
| *Deċiżjoni dwar assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna*<br>Deċiżjoni (UE) 2018/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna<br>ĠU L 171, 6.7.2018, p. 11-17 | 27/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: HU |

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li kundizzjoni preliminari għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja hija li l-pajjiż benefiċjarju jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti – u l-istat tad-dritt, u jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li din il-prekundizzjoni tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

Fid-dawl tal-kundizzjonijiet mhux issodisfati fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kanċellazzjoni relatata tat-tielet pagament parzjali tal-programm preċedenti tal-assistenza makrofinanzjarja skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/601, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jissottolinjaw li assistenza makrofinanzjarja ulterjuri se tkun tiddependi fuq il-progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Ukrajna. Għal dan l-għan, il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji tal-Memorandum ta' Qbil li għandhom jiġu maqbula bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna għandhom jinkludu fost oħrajn obbligi biex jissaħħu l-governanza, il-kapaċitajiet amministrattivi u l-istruttura istituzzjonali b'mod partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Ukrajna, partikolarment dwar is-sistema ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, il-verifika ta' data dwar is-sjieda benefiċjarja tal-kumpaniji kif ukoll qorti speċjalizzata kontra l-korruzzjoni li tiffunzjona sew f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. Kundizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-evitar tat-taxxa għandhom jiġu kkunsidrati wkoll. F'konformità mal-Artikolu 4(4), meta l-kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, il-Kummissjoni għandha temporanjament tissospendi jew tikkanċella l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja.

Minbarra li tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi relatati mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti, il-Kummissjoni għandha, ma' kull żborż, tirrapporta pubblikament dwar l-issodisfar ta' kull politika ekonomika u dwar il-kundizzjonijiet finanzjarji marbuta ma' dan l-iżborż, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li din l-assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna għandha tikkontribwixxi għall-valuri kondiviżi mal-Unjoni Ewropea, inkluż l-iżvilupp sostenibbli u soċjalment responsabbli li jwassal għall-ħolqien ta' impjiegi u għat-tnaqqis tal-faqar, u impenn għal soċjetà ċivili b'saħħitha. Il-Kummissjoni għandha takkumpanja l-abbozz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-Memorandum ta' Qbil b'analiżi tal-impatt soċjali mistenni tal-assistenza makrofinanzjarja. Skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 din l-analiżi se tiġi ppreżentata lill-Kumitat tal-Istati Membri u għandha tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill permezz tar-reġistru tal-proċedimenti tal-kumitati.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar l-Insolvenza - Emendar tal-Annessi - BE/BG/HR/LV/PT*<br>Regolament (UE) 2018/946 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jissostitwixxi l-Annessi A u B għar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza<br>ĠU L 171, 6.7.2018, p. 1-10 | 25/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: SI |

**Dikjarazzjoni mis-Slovenja**

Ir-Repubblika tas-Slovenja topponi l-inklużjoni tal-Liġi għall-Amministrazzjoni Straordinarja ta' Kumpaniji b'Importanza Sistemika għar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Liġi għall-AS) fl-Annessi A u B għar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza.

Fl-14 ta' Marzu 2018, il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja ddikjarat li l-Liġi għall-AS tikser l-ordni pubbliku.

F'dak li għandu x'jaqsam man-notifika tal-Liġi għall-AS tqum il-kwistjoni dwar jekk huwiex possibbli li jiġu inklużi fir-Regolament liġi li tikser il-prinċipji fundamentali tad-dritt ċivili, il-liġi dwar l-insolvenza u d-dritt tal-UE inġenerali. Il-Liġi għall-AS hija espressjoni ta' intervenzjoniżmu tal-istat jew ta' protezzjoniżmu ekonomiku, peress li hija maħsuba biex issalva kumpanija li għandha importanza eċċezzjonali għall-ekonomija Kroata minħabba d-daqs tagħha. Għalhekk tista' tiġi kkontestata mill-aspett ta' kooperazzjoni sinċiera bejn l-Istati Membri kif ukoll mill-aspetti tar-regoli tas-suq intern. Il-Liġi għall-AS tikser il-prinċipju fundamentali tat-trattament ugwali tal-kredituri u tfittex il-konċentrazzjoni, mhux il-koordinazzjoni tal-proċedimenti f'każijiet ta' insolvenza. Ikollna nenfasizzaw ukoll ir-rwol dominanti tal-istat fil-ħatra ta' kummissarju straordinarju u l-ineżistenza ta' rimedju legali effettiv għall-kredituri kontra deċiżjoni biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza.

Ir-Repubblika tas-Slovenja ppreżentat l-argumenti kollha fid-dokument WK 4276/2018.

Barra minn hekk, ir-Repubblika tas-Slovenja tappella lill-Kummissjoni biex proposti futuri għal notifika jiġu verifikati aktar bir-reqqa; b'mod partikolari, kwalunkwe konsegwenza negattiva possibbli għall-funzjonament tas-suq intern jenħtieġ li tiġi vvalutata.

<table>
<tr><td>Regolament Bażiku tal-EASA<br>Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1-122</td><td>2/18</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: CY, MT<br>Astensjonijiet: CZ, PL, SK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ATM/ANS)<br>Fil-fehma tal-Kummissjoni, is-servizzi li jikkonsistu fl-emissjoni ta' sinjali minn satelliti ta' kostellazzjonijiet ewlenin ta' sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS), bħas-sistema stabbilita fil-qafas tal-programm Galileo u sistemi oħra simili, minnhom infushom ma għandhomx jitqiesu bħala servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jew ta' navigazzjoni bl-ajru (ATM/ANS) kif definiti fl-Artikolu 3, moqri flimkien mal-premessa korrispondenti tar-Regolament il-ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din il-fehma hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-fatt li dawk is-sinjali ma jiġux emessi primarjament jew esklużivament għall-fini tan-navigazzjoni bl-ajru, iżda jintużaw għal dak il-għan biss permezz ta' servizzi li jkabbru dawk is-sinjali, li huma koperti espliċitament mid-definizzjoni tal-ATM/ANS.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni minn Ċipru u Malta<br>L-Istati Membri msemmija hawn fuq għandhom tħassib gravi dwar l-implikazzjonijiet tar-regolament u ma jistgħux jappoġġaw l-adozzjoni tar-Regolament dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.<br>Minkejja t-titjib li sar matul in-negozjati tal-PE nqisu li t-test ma kienx lest biex jiġi adottat. Aħna partikolarment imħassbin dwar l-iżbilanċ f'atti delegati u ta' implimentazzjoni, il-limitu mhux proporzjonat u inflessibbli adottat għad-droni, il-potenzjal kbir ta' tfixkil tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Chicago u fl-aħħar nett id-distorsjoni tas-suq minħabba kompetizzjoni mill-Aġenzija.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**<br>Ir-Repubblika Ċeka kellha żewġ preokkupazzjonijiet prinċipali fir-rigward tat-test maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew f'Diċembru 2017. L-ewwel, ma qbilniex ma' kemm qed jintużaw atti delegati u b'mod partikolari mal-użu ta' atti delegati għad-dispożizzjonijiet dwar id-droni, għax aħna ridna nżommu l-kontroll tal-Istati Membri fuq il-kontenut tar-regolament. It-tieni, ma aħniex kuntenti bl-użu tal-enerġija kinetika bħala limitu għar-reġistrazzjoni tad-droni minħabba li tali limitu jkun diffiċli biex jitkejjel. Minkejja li xi elementi tat-tħassib tagħna sadanittant ġew eliminati, b'mod partikolari waqt id-diskussjonijiet fil-Grupp tal-Esperti dwar id-droni, ir-Repubblika Ċeka xorta għadha tqis l-użu ta' att delegat mat-test kollu bħala eċċessiv. F'dan ir-rigward nitolbu lill-Kummissjoni biex tkompli tinvolvi aktar fil-fond l-esperti nazzjonali waqt il-preparazzjoni tal-leġislazzjoni sekondarja. |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Konklużjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EUMSS*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) | 10494/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew<br>ĠU L 165I , 2.7.2018, p. 1–3 | 7/18 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**<br>L-Ungerija tibqa' mħassba dwar il-kontradizzjoni ċara bejn il-formulazzjoni tar-rapport tal-Parlament Ewropew u l-formulazzjoni tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara b'mod ċar li l-Parlament Ewropew għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni, filwaqt li l-proposta tal-Parlament Ewropew tikkalkula l-għadd ta' siġġijiet abbażi tal-popolazzjoni tal-Istati Membri.<br>L-Ungerija tenfasizza l-fatt li l-għadd ta' ċittadini u l-popolazzjoni tal-Istati Membri jistgħu jkunu differenti b'mod sinifikanti. Din id-diskrepanza li ġejja mill-kalkolu bbażat fuq il-popolazzjoni taffettwa b'mod ċar l-Istati Membri li ngħaqdu wara l-2004 b'mod negattiv, partikolarment minħabba l-mobbiltà interna tal-forza tax-xogħol ġewwa l-Unjoni. Barra minn hekk, il-migranti mhux ċittadini fl-Istati Membri ta' qabel l-2004 jistgħu jiġu inklużi wkoll fil-popolazzjoni (skont ir-Regolament 1260/2013 tal-20 ta' Novembru 2013 dwar l-istatistika demografika Ewropea) u għalhekk jikkostitwixxu bażi għall-allokazzjoni tas-siġġijiet, filwaqt li t-Trattati jistipulaw li membri tal-Parlament Ewropew jirrappreżentaw ċ-ċittadini tal-Unjoni (Artikolu 10(2) TUE). Barra minn hekk, huma biss ir-residenti fl-Istati Membri li jistgħu jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-PE, li jfisser li l-Istati Membri jirċievu mandati għal nonnazzjonali li jgħixu fit-territorji tagħhom, li jistgħu lanqas ikollhom id-dritt tal-vot.<br>Għaldaqstant, l-Ungerija hija tal-opinjoni li l-unika għażla legalment tajba hija li jintuża l-metodu ta' kalkolu abbażi taċ-ċittadini tal-Unjoni preżenti fit-territorju tal-Istati Membri li jkun f'konformità mat-Trattat. Dan ifisser li s-siġġijiet tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu allokati skont l-għadd ta' ċittadini tal-Istati Membri. | |
| *Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2017/009 FR/Air France)*<br>Deċiżjoni (UE) 2018/1093 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Franza<br>— EGF/2017/009 FR/Air France<br>ĠU L 200, 7.8.2018, p. 44-45 | 9302/18 |
| *Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2018 tal-QEA - Skema ta' Pagament Bażiku*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Skema ta' Pagament Bażiku għall-bdiewa – qed topera tajjeb, iżda għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta' għajnuna" | 10505/18 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-bini taċ-ċiberkapaċità esterna tal-UE | 10496/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar rispons koordinat tal-UE għal inċidenti u kriżijiet ta' ċibersigurtà fuq skala kbira | 10086/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni 108 emendata dwar il-protezzjoni tad-data*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali | 10130/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII dwar it-tqassim tal-Kwoti Tariffarji tal-UE minħabba Brexit*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bil-ħsieb li jitqassmu l-konċessjonijiet tad-WTO tal-Unjoni fil-forma ta' Kwoti Tariffarji annessi mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni | 8946/18 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li tul in-negozjati mal-Membri tad-WTO msemmija f'din id-Deċiżjoni, hija ser taġixxi fl-interess ġenerali tal-Unjoni skont l-obbligi tagħha msemmija fl-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. | |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika UE-Ġappun*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1197 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 216, 24.8.2018, p. 1-3 | 8461/18 |
| Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 216, 24.8.2018, p. 4-22 | 8463/18 |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Portugall**<br>Filwaqt li jittieħed kont tar-rispett għall-prinċipju tad-distribuzzjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif iddefinit mit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, ma taffettwax l-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Portugall dwar kwistjonijiet fil-kompetenza nazzjonali tiegħu, u d-deċiżjoni tal-Portugall li jkun marbut mill-Ftehim tiddependi fuq il-konklużjoni ta' proċeduri interni ta' ratifika, u fuq id-dħul fis-seħħ tal-ftehim fis-sistema legali internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u r-regoli Kostituzzjonali. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**<br>Il-Kunsill jiddikjara li, għall-fini tal-Artikolu 47(2) tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika (FSS) mal-Ġappun, "applikazzjoni pendenti għad-dħul fis-seħħ" tfisser applikazzjoni proviżorja qabel id-dħul fis-seħħ kif previst fl-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.<br>Il-Kunsill jiddikjara li l-artikoli elenkati fl-Artikolu 47(2) tal-FSS għandhom jiġu applikati pendenti għad-dħul fis-seħħ tal-FSS bejn l-Unjoni u l-Ġappun, iżda biss sal-punt fejn dawn ikopru kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, inkluż kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni li tiddefinixxi u timplimenta politika estera u ta' sigurtà komuni. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika UE-Ġappun (SPA).<br>Madankollu, il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li t-test introdott mill-Kunsill fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa legalment skorrett, b'mod partikolari fejn huwa bbażat fuq il-fehim li l-Artikoli li għalihom jirreferi, ikopru oqsma ta' kompetenza kondiviża, u għal dik ir-raġuni dawn l-Artikoli jenħtieġ li jiġu applikati b'mod proviżorju biss sal-punt fejn tali kompetenza kondiviża tkun ġiet eżerċitata internament.<br>L-SPA ma jkoprix oqsma ta' kompetenza kondiviża iżda pjuttost ta' kompetenza parallela. Il-bażijiet legali tiegħu huma l-Artikolu 212(1) TFUE dwar kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi, u l-Artikolu 37 TUE dwar il-PESK. L-interpretazzjoni tal-Kunsill tipproduċi effett li diġà ġie ddikjarat mill-Qorti li jikser it-Trattati, billi tinterpreta li l-ftehim "ikun ibbażat ukoll fuq dispożizzjoni oħra differenti minn dik relatata ma' din il-politika kull meta dan il-ftehim ikun jirrigwarda kwistjoni speċifika[; dan] jkun, fil-prattika, ta' natura li jimmina mis-sustanza tagħhom il-kompetenza u l-proċedura […]" skont l-Artikolu 212(1) TFUE. (ara l-Kawża C-377/12 il-Kummissjoni vs il-Kunsill (Ftehim mal-Filippini), ECLI:EU:C:2014:1903, il-paragrafu 38 u l-ġurisprudenza msemmija hemmhekk). Barra minn hekk, il-Kunsill ifassal mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni tal-SPA fil-kuntest ta' applikazzjoni proviżorja billi jimplika l-eżistenza ta' għadd kbir ta' bażijiet legali sottostanti. Dan ukoll mhuwiex skont il-ġurisprudenza tal-Qorti (Ftehim mal-Filippini, il-paragrafu 34 u l-ġurisprudenza msemmija).<br>Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li, jekk ikun hemm bżonn, tuża l-mezzi legali kollha disponibbli għaliha biex tiżgura li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tat-Trattati. |

<table>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mis-Servizz Legali tal-Kunsill<br>Is-Servizz Legali tal-Kunsill ma jaqbilx mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-SPA mal-Ġappun. B'mod partikolari, jinnota li:<br>• Skont l-Artikolu 218(5) TFUE huwa għal kollox fid-diskrezzjoni tal-Kunsill li jiddeċiedi jekk, u sa liema punt, ftehim għandux jiġi applikat b'mod proviżorju mill-Unjoni.<br>• Hija l-prerogattiva tal-Kunsill li jiddefinixxi dan b'referenza għal dawk il-kwistjonijiet li għalihom l-Unjoni tkun, fil-fatt, diġà eżerċitat il-kompetenza tagħha internament. Bl-istess mod hija l-prerogattiva tal-Kunsill li jiċċara li l-artikoli jiġu applikati b'mod proviżorju sal-punt fejn l-Unjoni jkollha l-kompetenza skont il-PESK.<br>• Dan ma jimplikax, kif tiddikjara l-Kummissjoni, "l-eżistenza ta' għadd kbir ta' bażijiet legali sottostanti" u l-elementi msemmija mis-sentenza C377/12 mhumiex rilevanti.</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt ŻEE li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni fl-oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 02.03.01 Is-Suq Intern u Linja Baġitarja 02.03.04 Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern)<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/961 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 02 03 01: "Is-Suq Intern" u Linja Baġitarja 02 03 04: "Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern") (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 169, 6.7.2018, p. 51-53</td><td>9267/18</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 33.02.03.01 Id-Dritt Soċjetarju)<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/952 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 33 02 03 01: "Id-Dritt Soċjetarju") (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.)<br>ĠU L 168, 5.7.2018, p. 1-3</td><td>9270/18</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) għall-Ftehim ŻEE*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/953 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward l-emenda tal-Protokoll 30 għall-Ftehim ŻEE, dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 168, 5.7.2018, p. 4-6 | 9273/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Ftehim maċ-Ċina dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1153 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>ĠU L 210, 21.8.2018, p. 2-2 | 9698/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Ftehim maċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1152 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>ĠU L 210, 21.8.2018, p. 1-1 | 9682/18 |
| *Tkabbir u Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni | 10555/18 |

| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fid-29 ta' Ġunju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/943 tad-29 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)<br>ĠU L 166, 3.7.2018, p. 19-19 | 8977/18 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/942 tad-29 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)<br>ĠU L 166, 3.7.2018, p. 17–18 | 8982/18 |